MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 746/2002/1

**Jesmond Cortis**

**vs**

**Philip Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandhux jkun dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali li sar fis-16 ta' Lulju 2002 f'Tal Barrani Road, limiti taz-Zejtun meta kien qed isuq il-karozza Toyota AAG 076, li kienet qed tigbed gaffa fuq karru u, b'negligenza, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku attraversa t-triq

principali mnejn kien ghaddej l-attur bil-karozza tieghu Ford Fiesta LAN 994, li jigu likwidati d-danni rizultanti, fil-kompetenza ta' dina l-Qorti, u li tigi kkundannat ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati okkorrendo bl-opera ta' periti nominanti.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni pretizi ma jeccedux l-ammont ta' tlett elef lira Maltin (Lm3000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-19 ta' Awissu 2002, u ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru 2002. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi l-kollizjoni li grat fi Triq tal-Barrani limiti taz-Zejtun, fis-16 ta' Lulju, 2002, bejn il-vettura tal-attur Ford Fiesta LAN 994 u l-karru migbud mill-vettura misjuqa mill-konvenut Toyota AAG076, b'ebda mod ma kienet ikagunata b'tort u htija tal-konvenut, izda sehhet unikment b'tort u htija tal-attur minhabba, traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u minhabba sewqan eccessiv da parti tal-istess attur.
2. Illi ghalhekk il-konvenut m'ghandu jigi ikkundannat ihallas ebda danni.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mill-iskizz skalat maghmul minn WPS 40 Isabelle Camilleri (37 et seq ibid) wiehed jista' jara l-lokalita' ta' fejn gara l-incident in esami cjoe f'Triq tal-Barrani fil-limiti ta' Zejtun. Ghandhom jigi notati, oltre il-posizzjoni tal-vetturi involuti f'dan l-incident dak li hu indikat bhala "central strip", u l-"spot of impact". Jidher ukoll illi l-vetturi

involuti kienu karozza tal-marka “Ford Fiesta” numru LAN 994 misjuqa mill-attur u numru AAG 076 u vettura tal-marka Toyota Dejna 200” misjuqa mill-konvenut u li maghha kien hemm marbut u qed jingibed karru b’gaffa fuqu (ara ukoll ir-ritratti esebiti mill-konvenut a fol 53 tal-atti). Mir-rapport redatt mill-istess WPS 40 Isabelle Camilleri, jidher li l-konvenut kien stqarr illi hu kien qed jsuq fuq il-“lane interna” u “dan sabiex nikser lejn Valletta Road fid-direzzjoni ta’ Hal Ghaxaq”. Hawnhekk, hu xeghel l-‘indicator’ lejn il-lemin u ra jekk kienux gejjin karozzi ohrajn (minn faccata tieghu) u meta ikkostata li ‘ma kien gej hadd’ hu dahal fl-istess Valletta Road u hemmhekk sema’ l-hoss tal-habta. Da parti tal-attur dan kien stqarr illi hu kien qed jsuq f’Triq tal-Barrani meta’ “il-vettura l-ohra qabdet u harget minn naha l-ohra tat-triq …”. Mal-habta l-karozza misjuqa minnu daret diversi drabi sakemm waqfet (ara fol 40 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi meta xehed l-attur (fol 11 u fol 50 et seq ibid) dan spjega illi kif kien qed jsuq fid-direzzjoni tal-Marsa u kif wasal “vicin l-inkrocju lejn Hal Ghaxaq hareg van ….. b’karru warajh u qasam it-triq. Kif jiena wasalt vicin tieghu dan hareg fl-‘inner lane’ minn fejn kont ghaddej jiena u qasam it-triq”.

Kif hu ra li l-konvenut qasam quddiemu hu ghamel tentattiv ta’ ‘evasive action’ izda, xorta wahda, laqat il-karru bil-gaffa fuqu. Dwar id-dinamika tal-istess incident, hu specifika illi meta kien ra lill-konvenut, ghall-ewwel darba, dan kien wieqaf fejn hemm indikat, fuq l-iskizz imsemmi, “centre strip’ izda kif hu avvicina, il-konvenut hareg sabiex jaqsam it-triq kollha u ‘… minhabba hekk ghalaqli t-triq’. In rigward velocita, l-attur sostna li kien qed jsuq b’dik ta’ 35 kilometru fis-siegha fil-parti tat-triq principali li hi dritta. Inoltre hu cahad li “… hallejt brake mark ta’ mitejn (200) pied”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, fix-xhieda tieghu (fol 45 et seq ibid) ikkonferma dak li kien di gja stqarr, kif hawn fuq imnizzel. Pero fl-ebda hin ma semma' illi l-attur kien ghaddej b'velocita eccessiva. Ghandu jigi notat ukoll illi l-istess konvenut semma' illi "Fuq ix-xellug tieghu, t-triq kienet ghad-dritt". Cjononostante hu sostna illi "Jiena qabel ma qsamt, harist u ma rajt lill-hadd".

Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad minnufih illi ma instabet ebda evidenza illi l-attur ghandu jigi konsiderat bhala "a main road abuser" minhabba velocita eccessiva li setghet ikkagunat dan l-incident jew ikkontribuwit sabiex dan jsehh.

Illi dwar dak li xehed il-konvenut il-Qorti hi tal-fehma u konvinzjoni illi kieku l-konvenut ha dawk il-prekawzjonijiet kollha li hu semma' fix-xhieda tieghu bhala li gew segwiti minn qabel ma qasam it-triq principali sabiex jidhol f'Triq Valletta, dan l-incident ma kienx jsehh. Filfatt il-Qorti hi konvinta li tali prekawzjonijiet ma' ittiehdux mill-konvenut. Dwar dan ghandu jissemma illi tenut kont tat-tul ta' vettura u karru li kienu qed jinsaqu mill-konvenut, dan kellu juza attenzjoni aktar milli kieku kien qed jsuza vettura ta' tul normali.

Illi, ghalhekk, il-Qorti tara illi l-fatti kif risultanti mill-provi jitkellmu wahedhom ('res ipsa loquitur') u l-konvenut ghandu jigi, indubbjament, ritenut responsabbli ghal dan l-incident minhabba sewqan altament traskurat da parti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-hsarat kagunati fil-vettura misjuqa mill-attur, liema hsarat, aktarx, ma humiex koperti b'assikurazzjoni irrisulta li din il-vettura sfat "total loss" u bhala "pre-accident value", dan gie stmat minn George Cauchi (fol 24 sa fol 26 ibid) bhala Lm2,700 li minnu jista' jitnaqqas l-ammont ta' madwar Lm400 bhala 'wreck value'. Ghalhekk il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta' danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm2300.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza, imprudenza, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm2,300.00,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm2,300.00,0 bl-imghax legali mit-12 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Awissu 2002 u ta' dik ufficjali tat-12 ta' Settembru 2002."

Fl-appell tieghu kontra din is-sentenza l-konvenut igib 'il quddiem b' aggravju principali illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi dwar il-kagun u r-responsabilita` ta' l-incident. Huwa deherlu li kellu jiccensura dak l-apprezzament fuq zewg binarji, u cjoe (i) illi mhux verosimili li kien hu li kkreja ostakolu fit-triq u (ii) li l-Qorti ma kkonsidratx kif jixraq l-velocita` eccessiva li biha kien qed isuq l-attur;

Il-fatti li taw lok ghall-incident ma jidherx li huma in konstestazzjoni. Dan ghar-rigward tad-direzzjonijiet li minnhom kienu gejjin iz-zewg vetturi. L-attur jghid li hu kien gej mid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb sejjer lejn il-Marsa u hekk kif wasal fl-inkrocju fejn it-triq taghti ghal Hal Ghaxaq, il-konvenut, li kien gej minn naha ta' Santa Lucija, dar ghat-triq il-Barrieri transistata minnu, biex jmur fid-direzzjoni ta' Hal Ghaxaq. L-attur jghid li dak il-hin kien ghaddej bi *speed* ta' 35 kilometru fis-siegha (fol. 50), habat mal-parti tal-karru, li fuqu kienet mghobbija gaffa, trajnat mill-vettura tal-konvenut u spicca kif indikat fl-iskizz (fol. 39). Il-konvenut jistqarr li qabel ma ttraversa t-triq hares pero` ma osserva lil hadd gej (fol. 47);

Mill-premessi fatti ghal fini tad-determinazzjoni tar-responsabilita` ghall-kollizjoni jispetta lil din il-Qorti tirricerka x’ kienet il-kawza prossima u immedjata li tat lok ghall-habta;

Il-proposizzjoni centrali ta’ l-appellanti tidher li hi dik li l-kawza prossima hi l-velocita` eccessiva li biha kien qieghed isuq l-attur. Bir-rispett kollu, din il-proposizzjoni ma tipperswadix lill-Qorti. Inghad korrettement illi *speed* eccessiv wahdu mhux bilfors ghandu jissarraf awtomatikament fi htija, anke jekk inhu veru wkoll illi f’ cirkostanzi konkomitanti determinati jista’ jaghti lok jew jikkontribwixxi ghall-incident. Jinsab fil-fatt ritenut fis-sentenza “**Jesmond Bonello -vs- Giulio Baldacchino**”, Appell, 15 ta’ Jannar 1997 illi “*speed* eccessiv jista’ jitqies bhala fattur li jaddebita responsabilita` jek kontributorjeta` ghas-sinistru fil-kazijiet fejn, jew jigi pruvat li dan l-i*speed* kien ukoll kawza prossima u immedjata tas-sinistru fih innifsu jew li jkun ikkontribwixxa b’ mod rilevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru”;

Affermat dan, kif taraha din il-Qorti fil-fattispeci fil-kaz prezenti, il-valutazzjoni taghha tal-provi twassalha ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet:-

(1) Huwa fatt accertat illi l-appellant htieglu jitraversa arterja principali ta’ triq biex jaccedi fid-direzzjoni li fiha xtaq jipprosegwi. Minimament, ir-regola bazika tac-cirkolazzjoni stradali kienet tiddettalu f’ dak il-mument li huwa juza l-massima prudenza biex ma jostakolax il-“*flow of traffic*” li jkun ghaddej f’ dik l-istess arterja principali;

(2) Kif ben saput kull manuvra ta’ traversament ta’ triq hija mhux biss delikata imma wkoll perikoluza u allura timponi fuq min jaghmilha li jaghti sinjal tempestiv, jassikura ruhu minn qabel li hu jista’ jaghmilha bla perikolu u tfixkil ghal konducenti ohra. In effetti hu pacifikament akkolt *in criminalibus* illi minn jonqos minn dan id-dmir hu hati ta’ sewqan perikoluz. Ara **Kollez. Vol. XXXIII P IV p 915**;

(3) Issa hu veru li f' dan il-kaz l-appellanti jghid li huwa hares qabel ma gie biex jaqsam. Imma jekk hu tassew li ghamel dan allura jkollu jinghad li ma haresx sew. Dan ghaliex it-triq minn fejn kien gej l-attur hi wahda wiesgha u tippermetti vizwali fit-tul li jaghmilha mpossibbli li wiehed ma jinnotax vetturi transitanti fiha;

(4) Il-verita` tidher, invece, li hi dik illi kif jissuggerixxu l-provi l-manuvra tal-konvenut kienet wahda inkonsulta ghall-ahhar u minghajr dik il-kawtela dettata mill-bon sens illi jekk kien intenzjonat jaghmel tali manuvra hu kellu jassikura li mhux biss jibdiha imma jtemma wkoll, bla periklu ghalih innifsu u ghal sewwieqa ohra;

(5) Fuq l-istregwa tad-dinamika ta' l-incident hi l-ferma konvinzjoni ta' din il-Qorti illi l-attur kien tabilhaqq ghaddej isuq bi *speed* forsi esagerat. Tasal ukoll forsi biex taccetta li dak l-i*speed* ma ppermettielux jiehu azzjoni evasiva. Dan hu indikat lill-Qorti mill-hsarat estensivi fil-vettura li timplika li l-velocita` zejda giet assorbita mad-daqqa. Anke kieku pero` din il-Qorti tammetti l-allegazzjonijiet ta' l-appellanti xorta wahda, imbaghad, ma jfisserx illi dak l-eccess ta' velocita`, anke jekk koncess, ghandu jitqies bhala determinanti jew kontributorju ghar-responsabilita ta' l-incident;

(6) Ir-raguni ghal din il-konkluzjoni hi dik li s-sitwazzjoni ta' emergenza ma gietx mahluqa mill-attur imma mill-appellanti. Kif gustament ritenut, "meta l-htija tal-kollizjoni tkun assorbenti, ma hemmx kwestjoni ta' '*contributory negligence*' ghax il-htija tkun kawza unika tad-dannu, u r-responsablita` tal-kollizjoni taqa' kollha fuq min holoq l-istat ta' emergenza." (**Kollez. Vol. XXXII P II p 386**);

(7) Fic-cirkustanzi din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni fl-asserzjoni ta' l-appellanti illi r-responsabilita` ghas-sinistru ghandha tigi akkollata fuq l-attur minhabba l-velocita` zejda ta' dan. Fil-verita` l-valutazzjoni taghha tal-provi u tad-dinamika shiha ta' l-

incident twassalha biex tirriafferma illi "l-kawza prossima u immedjata ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa t-triq ta' l-attur u mhux xi eccess ta' velocita` da parti ta' l-attur" ("**Mehmet Kasap -vs- Edgar Ellul**" Qorti Civili, Prim' Awla, 30 ta' Ottubru 1993; "**Dr. Remigio Zammit Pace *nomine* -vs- Carmen Grima**", Appell Inferjuri, 16 ta' Mejju 1997);

Ma jirrizultax li l-appellanti introduca gravam mill-kwantum tad-danni u ghalhekk, fallit l-aggravju fil-meritu, huwa l-kaz li s-sentenza appellata tigi sostnuta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------